MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 6/1999/1

Citazzjoni Nru. 6/1999

Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella, Grazia mart Louis Mizzi, Joseph, Maria xebba, Josephine mart Joseph Sultana, Rita, xebba, ahwa VELLA; Silvia mart Gorg u Rita mart Evarist ahwa VELLA; Maria Antonia mart Martin Spiteri, Luigi, Gorg, Agostino u Grace ahwa GRIMA; Celest, Francesca mart Louis Galea, u Carmela mart Carmelo Abela ahwa GRECH; Saverio, Antonietta mart Joseph Cini, Pawlu, Luigi, Mary mart George Attard, Carmela mart Joseph Galea ahwa DIMECH; Celest, Giuseppa mart Francesco Buttigieg, Carmela mart Frenc Buhagiar, Luigia mart Joseph Bonello, Maria mart Gio Maria Stellini, Georgia mart Carmelo Sultana ahwa CORDINA

vs

Reverendu Charles Cini

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni tal-atturi fejn ippremettew:

Illi fl-14 ta’ Settembru 1988 miet Guzepp Vella bin il-mejtin Gorg u Ursula nee’ Cini imwieled Victora, Ghawdex, u l-istess Giusepp Vella rregola s-successjoni tieghu permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tad-9 ta’ Jannar 1986 li fih ma nnomina l-ebda werrieta izda halla biss b’titolu ta’ legat id-dar li kellu fi Pjazza San Sabina, Victoria, Ghawdex, u nnomina bhala ezekutur testamentarju tieghu lill-konvenut bil-fakoltajiet kollha soliti moghtija lil simili ezekuturi;

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza volontarja taghha, sussegwentement ikkonfermat lill-istess konvenut bhala ezekutur testamentarju tal-assi ereditarju tad-decujus fuq imsemmi;

Illi l-konvenut biegh il-proprjeta’ immobbli mhux imhollija b’legat kif fuq imsemmi u sussegwentement l-imsemmija Qorti b’digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 1998, liema digriet igib in-numru 53/98, ordnatlu jaqsam ir-rikavat mill-ezekutorija lill-werrieta kollha u ghal dan l-iskop ipprefiggitlu t-terminu ta’ xahar;

Illi l-atturi huma l-werrieta ab intestato tad-decujus hlief ghal Gorg Vella li huwa l-ezekutur testamentarju odjern kif hawn taht spjegat;

Illi fil-15 ta’ Mejju 1998 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali lill-konvenut li permezz taghha interpellawh sabiex iqassam ir-rikavat mill-ezekutorija lill-werrieta izda baqa’ inadempienti;

Illi l-konvenut baqa’ inadempjenti u minn fuq permezz ta’ rikors tal-10 ta’ Lulju 1998 issottometta illi m’ghandux iqassam ir-rikavat lill-werrieta qabel l-ezitu ta’ kawza li kien ser jaghmel sabiex jattakka digriet iehor ta’ l-istess Qorti li llikwidatlu l-onorarju tieghu bhala ezekutur testamentarju a bazi tar-rapport li ghamel il-perit revizur mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop;

Illi l-Qorti b’digriet iehor taghha tal-15 ta’ Lulju 1998 ipprefiggietlu terminu ta’ gimgha biex jipprezenta d-debita citazzjoni fil-Qorti kontenzjuza izda l-konvenut xorta baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut mhux biss injora l-ordni tal-Qorti tal-15 ta’ Mejju 1998 imma sahansitra irtira mill-bank fejn kienu ddepozitati l-flus kollha rikoverati mill-bejgh ta’ l-assi mmobiljari fuq imsemmija u flus ohrajn li jappartjenu lill-assi ereditarju fuq imsemmi u ma ta l-ebda rendikont lil hadd mill-werrieta dwar x’ghamel bihom;

Illi b’digriet iehor tas-16 ta’ Settembru 1998 il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut baqa jisfida u jinjora l-ordnijiet taghha bl-iktar mod sfaccat u ghalhekk irrevokatlu l-inkarigu tieghu ta’ ezekutur testamentarju u hatret minfloku lill-attur Gorg Vella u ordnat lill-konvenut sabiex jikkunsinna immedjatament il-flus li l-konvenut irtira mill-Bank u li jappartjenu lill-ezekutorija flimkien mad-dokumenti relattivi izda ghal darb’ohra l-konvenut baqa’ inadempjenti ghalkemm gie debitament notifikat bl-istess digriet fit-23 ta’ Settembru 1998;

Illi ghalhekk l-atturi ntavolaw citazzjoni li permezz taghha talbu lill-Qorti tordna lill-konvenut biex jiddikjara xi flus ghandu f’idejh appartenenti ghall-istess assi ereditarju u sabiex jikkunsinna l-istess flus;

Illi permezz ta’ cedola ta’ depositu numru 402/98 ipprezentata fit-2 ta’ Novembru 1998 ipprezentata fit-2 ta’ Novembru 1998, il-konvenut iddepozita is-somma ta’ erbgha u sebghin elef lira Maltin (Lm74,000) biex jigu

liberament sbankati mill-ezekutur testamentarju l-gdid Gorg Vella;

Illi l-imsemmija somma ta’ Lm74,000 ma tirraprezentax ir-rikavat kollu li l-konvenut gabar mill-imsemmija ezekutorija flimkien mal-imghax fuq l-istess rikavat;

Illi l-konvenut naqas milli jaqdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju u b’hekk ikkawza danni kbar lill-werrieta konsistenti f’telf ta’ imghax, fi spejjez gudizzjarji u fi spejjez ta’ konsulenza legali u spejjez ohra konnessi;

TALBU lil din il-Qorti sabiex:

1. tillikwida l-ammont shih ta’ flus li jirraprezenta r-rikavat intier ta’ l-imsemmija eredita’ flimkien ma’ l-imghaxijiet fuq l-istess ammont skond il-ligi;

2. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas il-bilanc ta’ l-ammont hekk likwidat wara li titnaqqas is-somma ta’ Lm74,000 gja depositata kif fuq imsemmi;

3. tiddikjara li l-konvenut ikkawza danni konsistenti f’telf ta’ imghax, spejjez legali u ta’ konsulenza u spejjez ohra lill-atturi kollha u dan peress illi huwa naqas li jaqdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju;

4. tillikwida l-istess danni u spejjez sofferti mill-atturi nutilment;

5. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi kollha d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali kollha pprezentati kontra l-konvenut mill-atturi jew minnhom u tar-rikorsi u proceduri ohra li l-atturi istitwew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni minn issa stess tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Reverendu Charles Cini li fiha huwa eccepixxa:

1. preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-Qorti stante illi l-eccipjenti huwa residenti fil-gzira ta’ Malta;

2. preliminarjament ukoll in-nullita’ tal-hatra ta’ l-attur nomine Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giusppe Vella u konsegwentement il-karenza ta’ interess guridiku ta’ l-istess Gorg Vella;

3. preliminarjament ukoll in-nullita tal-azzjoni kif imposta mill-atturi in kwantu li dawn mhumiex l-eredi kollha tal-wirt ta’ Guzeppi Vella u ghalhekk ma jistghux jfittxu hlief ghall-interess taghhom wara li jitolbu likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess wirt;

4. minghajr pregudizzju u fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu qed jigu pretizi xi bilanci minghand l-esponent ghaliex dan ghadda lill-werrieta l-flus kollha derivanti mill-wirt ta’ Giuseppi Vella anke bi provvediment ghall-imghax, fir-rigward ta’ liema hlas ta’ flus anke nghatat sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-29 ta’ Jannar 1999 fl-istess ismijiet (207/98) u effettivament il-werrieta kollha accettaw il-flus derivanti mill-wirt kif imhallsa mill-esponenti;

5. il-premessi kollha ta’ l-azzjoni attrici safejn jittrattaw allegat nuqqas ta’ l-esponenti sabiex jobdi jew isegwi direttivi ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha, huma bla bazi fil-ligi ghaliex dak kollu li sar quddiem dik l-Onorabbli Qorti kif imsemmi huwa kontra l-ligi;

6. li huwa ma kkawza ebda danni lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti kollha tal-process u x-xhieda sa dan l-istadju;

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta’ Frar 2001 fejn iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq it-tieni u okkorrendo t-tielet eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

It-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut huma ta’ natura preliminari u jecepixxu:

2. in-nullita’ tal-hatra tal-attur nomine Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella u konsegwentement il-karenza ta’ interess guridiku tal-istess Gorg Vella;

3. ukoll in-nullita’ tal-azzjoni in kwantu m’hemmx l-eredi kollha tal-wirt ta’ Giuseppe Vella u ghalhekk ma jistghux jfittxu hlief ghall-interess taghhom wara li jitolbu likwidazzoni u divizjoni ta’ l-istess wirt.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel miz-zewg eccezzjonijiet fuq riportati, t-tnehhija u konsegwenti sostituzzjoni tal-konvenut minn ezekutur testamentarju saret b’digriet ta’ din il-Qorti fil-vesti taghha ta’ Qorti ta’ Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja b’digriet tas-16 ta’ Settembru 1998 (esebit fl-atti tar-rikors 40/98 allegat ma’ dawn l-atti). Il-konvenut f’din l-eccezzjoni qieghed jattakka n-nomina tal-attur Gorg Vella in sostituzzjoni ghalih bhala invalida u konsegwentement nulla bil-konsegwenza li l-attur Gorg Vella bhala esekutur testamentarju m’ghandux *locus standi judicii*. Din l-eccezzjoni fil-fehma tal-qorti, mhiex sostenibbli. Fil-fehma taghha l-istitut ta’ ezekutur testamentarju huwa regolat mid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili (Artikolu 762 sa Artikolu 778) u mhux ukoll minn dawk tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili

li jitkellem dwar il-hatra ta' tuturi, kuraturi u amministraturi ohra (Artikolu 512 et seq). Ir-raguni hi li diversament mill-hatra ta' tuturi, kuraturi u amministraturi ohra li n-nomina taghhom issir mill-qorti, fil-kaz ta' ezekutur testamentarju in-nomina issir mit-testatur u l-qorti kompetenti igifieri ta' Gurisdizzjoni Volontarja tikkonferma tali nomina izda mhux tinnomina de proprio. Tabilhaqq, pero', l-ezekutur testamentarju mhu xejn hlief 'mandatarju obbligat' u bhala tali jista' jigi rimoss. Billi l-konferma tieghu tigi sancita mill-qorti hekk wkoll r-rimossjoni u s-sostituzzjoni tieghu tehtieg l-istess approvazzjoni ta' dik il-Qorti.

Ghal dik li hi t-tieni eccezzjoni (ossija t-tielet eccezzjoni skond il-kronologija tal-eccezzjonijiet fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut) lanqas m'hemm nullita' ghal fatt biss li mhux il-werrieta kollha qeghdin partecipi fl-azzjoni. Fid-dawl tat-termini u d-domandi tac-citazzjoni promotorja l-atturi citati qeghdin jazzjonaw ghal kwota spettanti lilhom individwalment mill-flus rikavati mill-konvenut u d-danni lilhom allegatament ikkawzati. Ghalhekk anke it-tieni parti ta' din l-eccezzjoni li "ma jistghux jfittxu hlief ghall-interess taghhom wara li jitolbu likwidazzjoni u divizjoni tal-istess wirt" hija wkoll improponibbli.

Tiddeciedi ghalhekk li tirrispingi kemm it-tieni u tielet eccezzjonijiet bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------